15.11.2011

B7-0577/2011 }
B7-0580/2011 }
B7-0582/2011 }
B7-0587/2011 } RC1/Am. 1

**Emenda 1**
**Reinhard Bütikofer**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, ECR**
Samit bejn l-UE u l-USA tat-28 ta' Novembru 2011

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***nippromwovu*** l-kooperazzjoni fl-effiċjenza tar-riżorsi***, naħdmu favur l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali konġunt UE-USA dwar il-materja prima sal-2050, b'attenzjoni speċjali għall-metalli rari, u b'mod partikolari, biex tingħata spinta lir-riċerka ta' alternattivi u t-trawwim ta' kooperazzjoni fl-innovazzjoni*** fit-teknoloġiji tal-estrazzjoni u r-riċiklaġġ tal-materja prima, | 7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***nadottaw u nimplimentaw Pjan Direzzjonali UE-USA dwar il-materja prima sal-2020 b'enfasi partikolari fuq il-metalli rari, li għandu jippromwovi*** l-kooperazzjoni fl-effiċjenza tar-riżorsi, ***l-innovazzjoni*** fit-teknoloġiji tal-estrazzjoni u r-riċiklaġġ tal-materja prima, ***u r-riċerka dwar is-sostituzzjoni; jitlob għal strateġija trans-Atlantika biex titkattar il-governanza dinjija marbuta mal-materja prima permezz ta' ħidma kooperattiva bħal Forum Internazzjonali dwar il-Materja Prima simili għall-Forum Internazzjonali dwar l-Enerġija;*** |

Or. en

15.11.2011

B7-0577/2011 }
B7-0580/2011 }
B7-0582/2011 }
B7-0587/2011 } RC1/Am. 2

**Emenda 2**
**Franziska Katharina Brantner**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, ECR**
Samit bejn l-UE u l-USA tat-28 ta’ Novembru 2011

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Japella, b'mod partikolari, għal inizjattiva komuni bejn l-UE u l-USA sabiex tikkonvinċi lill-gvern tal-Iżrael ireġġa' lura d-deċiżjoni tiegħu li jħaffef il-bini ta' 2000 unità fix-Xatt tal-Punent u li jżomm id-dħul doganali li għandu jagħti lill-Awtorità Nazzjonali Palestinjana bħala tweġiba għall-ammissjoni tal-Palestina mal-UNESCO;*** |

Or. en

15.11.2011

B7-0577/2011 }
B7-0580/2011 }
B7-0582/2011 }
B7-0587/2011 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**
**Franziska Katharina Brantner**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, ECR**
Samit bejn l-UE u l-USA tat-28 ta’ Novembru 2011

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Iqis li l-governanza ambjentali f'livell internazzjonali teħtieġ aktar tisħiħ, u jirrakkomanda li l-Programm Ambjentali tal-NU jinbidel f'aġenzija speċjalizzata tan-NU; jitlob ukoll lill-UE u lill-USA jiddiskutu t-twaqqif ta' qorti ambjentali internazzjonali;*** |

Or. en

15.11.2011

B7-0577/2011 }
B7-0580/2011 }
B7-0582/2011 }
B7-0587/2011 } RC1/Am. 4

**Emenda 4**
**Carl Schlyter**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, ECR**
Samit bejn l-UE u l-USA tat-28 ta' Novembru 2011

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jitlob lill-Amministrazzjoni tal-USA, fid-dawl ta' tensjonijiet possibbli bejn il-Ftehim ACTA (Ftehim dwar il-kontra falsifikazzjoni tal-kummerċ ) mad-drittijiet fundamentali kif stipulati fil-Kostituzzjoni tal-USA, iħallu d-deċiżjoni finali dwar ir-ratifika tal-ACTA mill-USA f'idejn il-leġiżlaturi tagħha;*** |

Or. en